**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1777/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Cremona)**
**(Spettur Gabria Gatt)**

**Vs**

**Ransdon Debono**

**Illum 3 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Ransdon Debono**, iben Alan u Tiziana neè Falzon, imwieled il-Pietà fit-28 ta' Ottubru 2003 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 393003L, talli fil-ħdax il-jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Saq vettura ta' għamla Nissan March bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCM-916 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

2. Saq il-vettura ta' l-għamla Nissan March bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCM-916 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

3. Naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-Digriet mogħti nhar is-26 ta' Settembru 2022, u li permezz tiegħu Ransdon Debono ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., fid-Digriet mogħti nhar l-24 ta' Marzu 2022, u li permezz tiegħu Ransdon Debono ngħata l-

ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-Liġi, tħaddem kontra Ransdon Debono d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara l-Qorti tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "G" a fol. 9 sa' 27 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Geln Grixti mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2025;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-ħdax il-jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-ġimgħat u/jew xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Saq vettura ta' għamla Nissan March bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCM-916 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan; (2) Saq il-vettura ta' l-għamla Nissan March bin-Numru ta' Reġistrazzjoni FCM-916 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni; (3) Naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-Digriet mogħti nhar is-26 ta' Settembru 2022, u li permezz tiegħu Ransdon Debono ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) Naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., fid-Digriet mogħti nhar l-24 ta' Marzu 2022, u li permezz tiegħu Ransdon Debono ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi Rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Minn konsiderazzjoni tad-dokumenti u b'hekk provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella[1], ingħata **fit-23 ta' Marzu 2022** u mhux fl-24 ta' Marzu 2022 kif hemm indikat fir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat. Jirriżulta għalhekk li fl-24 ta' Marzu 2022 ma ngħata l-ebda Digriet fil-konfront ta' l-imputat u b'hekk l-istess imputat ma jistax jammetti għal vjolazzjoni ta' ordni tal-Qorti li ma jeżistix.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti tqis li filwaqt li a bażi ta' tali ammissjoni għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ma tistax u ma għandhiex issibu ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ammessi mill-imputat u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-każ mertu ta' dawn il-proċeduri ma huwiex l-ewwel wieħed fejn l-imputat instab qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll li għall-finijiet ta' piena, l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat jiġu assorbiti fit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(a) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u għall-multa ta' seba' mitt Euro (€700). In oltre tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mid-depożitu ta' elf Euro (€1,000) impost fuq l-imputat b'Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali, Imħallef Dr. Aaron Bugeja, fis-26 ta' Settembru 2022.

Il-Qorti tagħmilha ċara li fid-dawl ta' l-ordni ta' konfiska appena impost fuq l-imputat, sabiex huwa jkun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet tal-Qorti Kriminali pronunċjat fis-26 ta' Settembru 2022, huwa jkollu jerġa' jagħmel depożitu biex ikopri l-ammont kollu oriġinarjament ordnat f'dak id-Digriet. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnfisu suġġett għar-riarrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Il-Qorti tordna lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali jikkomunika din id-deċiżjoni lill-Qorti li qed tisma' l-proċeduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Ransdon Debono" Kump. Nru. 393/2022, fejn huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest bid-Digriet tal-Qorti Kriminali datat 26 ta' Settembru 2022.

---

[1] Dok. "F" a fol. 25 tal-proċess.

Mit-terminu ta' sitt (6) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikoli 15(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu u/jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti jirriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' sentejn (2) u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**